**Fil-lejl li fih ġejt ittradut**

Kiesħa l-karba Mulejja
Qed narak gozz hemm ħdejn ġebla,
Imbagħad qed tqum titkaxkar
Kollok għarqan, o x'kedda.
Hemm arah l-għadu jidħak
Għax ħaseb li b'hekk se jbeżżgħek
Iblaħ! Ma jafx ma' min qiegħed
Jagħmilha, ferħatu mġebbda.

U meta ħaseb li se
Jagħmilhielek, kif waqaftlu,
Qabda żibel u bla fejda
Urejtu malajr min int.
Dlonk għajjatt lill-Missierek
U ħriġtlu minn qalbek l-IVA,
Kif dwiet mal-ġnien mimli żebbuġ
Imħawwad l-għadu jirtira.

Mulejja, x'Alla inti
Li bl-umiltà bla tarf tiegħek,
Qed tikteb l-istorja kollha
Tal-umanità b'dak demmek.
Jien, quddiem il-fedeltà
Kbira li toħroġ minn qalbek,
X'nista' nagħmel għajr li nħobbok,
Nadurak, inqimek, nemmnek?

Min jaf min f'dal-lejl ħiemed,
Bid-dawl ta' qamar fuq rasek,
U għalkemm tidher hekk stordut
Għal uħud diġà int spiċċut;
Min kien li ħareġ tellief
F'dal-lejl ta' taqtigħat kbar?
Naħseb mhux int l-ubbidjenti
Imma l-għadu ġie ittradut.

Ħajr Mulejja tal-IVA
Ibqa' semmagħhieli ta' spiss,
Meta ta' bniedem ninsieha
Fakkarrahieli kif tant imiss.
Mur Mulejja, diġà rbaħt
Is-sottomissjoni tiegħek,
Tikkonvinċi bil-bosta qlub,
Mur Mulejja, mur għall-mewtek
Qed jistenniek il-qawmien nkiss.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.